**MINUTI**

**Laqgha tal-Kunsill Lokali l-Gharb**

**Laqgha Nru. 36**

**Data:** **26 ta' Jannar, 2022**

**Hin:** **8.44am**

**Post:** **Ufficcju Amministrattiv, Kunsill Lokali l-Gharb**

---

**Il-laqgha bdiet b'dawn il-membri prezenti:-**

| | |
|---|---|
| *David Apap Agius* | *Sindku* |
| *Louis Apap* | *Vici Sindku* |
| *Tonio Mifsud* | *Kunsillier* |
| *Joseph Mizzi* | *Kunsillier* |
| *Miriam Borg* | *Kunsillier* |
| *Emily Amatulli-Depasquale* | *Segretarju Ezekuttiv* |

---

**AGENDA**

36.1 Qari tal-ittri ta' apologiji;

36.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

36.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

36.4 Twegibiet ghall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera;

36.5 Korrispondenza u Rapporti;

36.6 Buget 2022;

36.7 Progetti u Xogholijiet;

36.8 Laqgha Annwali;

36.9 Attivitajiet;

36.10 Progetti Network of Town Twinning;

36.11 Applikazzjonijiet;

36.12 Performance Bonus;

36.13 Materji ohra;

36.14 Skeda ta' Pagamenti;

36.15 Tmiem tal-laqgha u data tas-seduta li jmiss.

---

**36.1 Qari tal-ittri ta' apologiji**

36.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apologija

**36.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

36.2.1 Il-Minuti ser jigu approvati fil-laqgha li jmiss.

**36.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

36.3.1 Is-Sindku ta rendikont tax-xogholijiet fejn spjega li fir-rigward tal-Meeting Hub l-offerta' inharget kemm 'il darba fejn l-ahhar wahda kienet over-budget. Huwa qal li din ser ikollha terga' tigi ppublikata u huwa ssugerixxa li ssir b'mod accellerat peress li dan il-progett irid ikun komplut sa Gunju 2022. Huwa spjega li jekk dan jerga' jigi over-budget il-Kunsill jista' jara jirnexxilux jakkwista' fondi ulterjuri biex b'hekk jitkompla u jitlesta l-progett jew jabbanduna l-progett. Il-Vici Sindku qal li huwa ta' l-opinjoni li jekk hemm bzonn anke jintalbu fondi mill-Ministeru ghal Ghawdex sabiex ma jintilifx tali progett. F'dan ir-rigward is-Sindku spjega li fil-prezent hemm skema miftuha mir-Regjun t'Ghawdex fejn jekk tigi accettata hemm massimu ta' €25,000. Wara dan jibqa' madwar €16,000 li jridu jinhargu mill-Kunsill. Il-Kunsill kompla bid-diskussjoni dwar din il-materja fejn qabel li ghandha terga' tinhareg l-offerta' b'mod accellarat biex ma jintilifx aktar zmien u apparti hekk issir l-applikazzjoni mar-Regjun t'Ghawdex biex jingabu fondi ulterjuri ghal dan l-imsemmi progett.

36.3.2 Is-Sindku qal li progett iehor li ghandu l-Kunsill huwa dak ta' l-Eko-Ghawdex ghar-restawr tal-faccata fejn ser issir ix-xoghol fuq il-parti tal-Kunsill. Fuq dawn ix-xogholijiet diga hemm kuntrattur li ser ikun qed iwettaq ix-xogholijiet relatati liema xoghlijiet ser jibdew fil-gimghat li gejjin.

36.3.3 Fir-rigward tal-hitan tas-sejjieh, gie spjegat li l-kuntratt gie estiz sa l-ahhar ta' Marzu peress li kien hemm problemi ta' kwarantina mall-haddiema.

36.3.4 Gie imsemmi l-Astronomy Park fejn gie spjegat li harget l-offerta u din ser taghlaq fl-4 ta' Frar 2021. Il-Kunsill iddiskuta din il-materja u galdabra ma jkunx hemm offerenti l-Kunsill ghandu jerga' johrog din l-offerta' b'mod accellarat biex ma jintilifx zmien.

36.3.5 Is-Sindku nforma lill-membri li l-kuntratt tat-toroq dan gie estiz sabiex jitkomplew ix-xogholijiet fit-toroq. Gie spjegat ukoll li fil-kaz ta' Triq Tumas Cassar dan kien hemm diga tender u finanzjament mill-Ministeru ghal Ghawdex pero' r-rati li kienet mahduma biha kienet ta' l-2013. Ghal dan il-ghan il-Kunsill kien gie mitlub jirrevedi r-rati ghal dawk ta' l-2020 u l-Ministeru qed jirrivedu t-talba u l-Kunsill qed jistenna konferma dwar dan.

36.3.6 Is-Sindku qal li bhala skema tal-Playing Fields, il-Kunsill kien qieghed jinghata fondi ta' madwar €18,000 biex jitranga parti mill-belveder, jitpogga turf u safety tiles fost xogholijiet ohra.

Gew imsemmija ukoll il-fondi ta' l-iskema ta' l-Ambjent fejn kien hemm total ta' 10,000 sabiex tigi rrangata z-zona ta' fejn il-pinnur f'San Dimitri. Fuq dan il-progett gie spjegat ix-xogholijiet li ghaddjin u li ghad baqa' li jsiru. Gie spjegat ukoll li l-Kunsill kien qed jistenna li jinghata aktar fondi biex jitkompla u jitlesta dan il-progett.

36.3.7 Skema ohra hija dik ta' l-Access u Mobilita' fejn inghataw fondi ghar-respite centre u ghal xiri ta' Electric van. Dawn il-fondi kienu gejjin min-naha tad-Direttorat tal-Gvern Lokali. Gie spjegat ukoll li fir-rigward tar-Respite Centre il-pagament gie approvat waqt l-ahhar skeda. Fejn tirrigwardja l-electric van, kienet inharget l-offerta' u kien hemm offerent wiehed biss li kien complaint. Is-Sindku issugerixxa li l-van issirlha upgrade sabiex minn seven din issir 9 seater u jsirilha dak kollu mehtieg sabiex tkun disabled friendly. Il-Kunsill qabel li ghandu jinxtara u ssirlu l-upgrade u ix-xoghlijiet necessarji sabiex issir .

36.3.8 Xogholijiet ohra jinkludu l-kumpless Mario Bajada fejn l-Gharb Rangers FC flimkien mall-Kunsill sabiex ikun installati airconditioning, heating pump u LED Floodlights. Wara jkun jonqos biss id-dawl tal-floodlights li minhabba l-pandemija ttardjat il-kunsinna. Is-Sindku spjega ukoll li gie innotat li gie li thalla d-dawl tal-floodlights u dawl iehor fil-kumpless jixghel ghal xejn ghal tul ta hin. Kien ssugerit li sabiex ikun hemm aktar kontrol u kullhadd jiehu responsabilita' kif xieraq ghandu jehel coin meter. Il-Kunsill kompla bid-diskussjoni u qabel unanimament li dan ghandu jitwahhal *coin meter* sabiex ikun hemm aktar kontrol.

36.3.9 Progetti ohra li ghandu l-Kunsill huma in-Network of Twinned Towns fejn fuq tnejn mill-progetti l-Kunsill huwa Project Leader u fuq progett iehor huwa partner. Is-Sindku qal li l-ewwel skambju ser ikun miftuh ghall-kunsilliera u staff liema zjara ssir possibilment gewwa l-Lituania. Huwa spjega li akar dettalji fil-prezent mhumiex disponibbli peress li ghadu qed isir il-komunikat mall-partners u dawk kollha involuti. Dan il-progett ser jerga' jigi diskuss fil-laqgha li jmiss jew qabel.

36.3.10 Is-Sindku qal li fir-rigward tar-railing tal-belvedere Dun Salv Camilleri, peress li l-ammont kien jammonta ghal aktar minn €10,000, inhareget offerta bl-epps. Huwa qal li l-gates ghal Leisure Park dawn kienu jammontaw ghal madwar €5,000 pero' huwa ssugerixxa li peress li din iz-zona kienet ser tinbidel ma ssirx din in-nefqa. Fl-istess waqt is-Sindku ssugerixxa li tinhareg offerta design and built u tohrog fuq is-suq ghal xahar. Bhala budget huma stmat li ser tiswa madwar €200,000. Il-Vici Sindku staqsa jekk kienx hemm fondi ghal dan l-iskop fejn gie spjegat li kien hemm disponibbli UIF funds. Fuq dan il-punt il-Vici SIndku ssugerixxa li jintalab sponsor lill-Ministeru ta' l-Isports fejn gie spjegat li peress li l-Kunsill huwa Ghawdex, l-ewwel talba tkun trid issir lill-Ministeru ghal Ghawdex. JIdher li b'kollox hemm madwar €175,000 u ghad jonqos €25,000. Gie spjegat

li l-ghan principali ta' dan il-progett huwa sports u attivitajiet ohrajn simili. Il-Kunsill kompla bid-diskussjoni fejn qabel mall-progett li ghandu jitmexx ghall-pass li jmiss.

36.3.11 Is-Sindku qal li fil-prezent il-Kunsill ghandu permess quddiem l-awtorita' ta' l-Ippjanar dwar installazzjoni ta' pannelli fotovoltajici liema permess kien skada u qeghda ssir talba sabiex jigi estiz.

36.3.12 Gie spjegat ukoll li l-Kunsill ghandu applikazzjoni ukoll quddiem l-Awtorita' ta' l-Ippjanar ghac-Centru tat-tfal li tinkludi z-zona l-gdida. Hekk kif tigi approvata din l-applikazzjoni c-Centru jkun jista' jilqa' aktar tfal u ghalhekk jaghti aktar servizz.

36.3.14 Is-Sindku ssugerixxa sabiex isir ix-xoghol mehtieg biex tigi installata ghamara gdida fil-Pjazza taz-Zjara tal-Madonna. Il-Kunsill qabel ma' dan is-suggeriment.

36.3.15 Is-Sindku nforma lill-membri li wara li kienet giet sottomessa applikazzjoni ghall-fondi mill-LESA l-Kunsill inghata fondi biex isir il-bring-in-site ta' fejn l-iskola taht l-art u tigi rinovata l-area tal-madwar.

36.3.16 Is-Sindku qal li fil-prezent hemm miftuha applikazzjoni ohra taht il-mizura M4.3 ghal fondi biex isiru toroq fiz-zona rurali. Is-Sindku semma li fl-applikazzjoni li kienet saret qabel kienet saret applikazzjoni ghal diversi toroq pero' ma kienux inghataw fondi ghall-kollha. Ghaldaqstant huwa ssugerixxa sabiex terga' ssir applikazzjoni u jigu applikati fejn possibli s-segwenti toroq – Sqaq ta' Cini, Dahla ta' Abdilla, u Tal-Blajjet. Huwa qal li ghad irid jigi diskuss mall-Perit b'liema materjal jistghu jsiru kull wahda minn dawn it-toroq. Tonio Mifsud qal li jezisti tip ta' concrete li huwa ekologiku u fil-fatt jintuza anke fil-bahar. Joseph Mizzzi staqsa jekk dawn il-fondi humiex ghat-toroq biss jew hitan tas-sejjieh fejn gie spjegat li tal-hitan tas-sejjien kienu jaqghu taht mizura ohra u dawn kienu biss ghat-toroq. Is-Sindku qal li bhala hitan tas-sejjieh kienu hadu l-fondi ghall-progetti l-Ministeru ghal Ghawdex. Huwa zied jghid li wiehed irid izomm f'mohhu ukoll li l-Kunsill kien ha diversi fondi u kien l-ewwel Kunsill li kien irnexxielu jikseb fondi mill-Unjoni Ewropeja b'ammont kbir.

36.3.17 Bhala attivitajiet, is-Sindku spjega li fil-prezent kienet saret applikazzjoni sabiex issir l-attivita' ta' San Valentinu liema attivita' ser tinkludi fiha drama, daqq ta' vjolin u magija. Ghal din l-attivita' kien qed jigi kkunsidrat jekk tintramax it-tinda 'dome' jew tinda ohra. Apparti din ser tigi installata ukoll il-LOVE u l-Kunsill qabel ukoll li jitpoggew qlub fil-pjanti ta' Triq il-Knisja, Pjazza u fiz-zona tal-madwar.

Bhala grupp ta' l-Infiorata kienet saret applikazzjoni sabiex titella' infiorata ghaz-zmien l-Ghid u l-Ghaqda Muzikali Vizitazzjoni kienet applikat sabiex jitella' kuncert ghal zmien l-Ghid ukoll. Is-Sindku ssugerixxa ukoll li jekk il-pandemija u restrizzjonijiet li ggib maghha jippermettu, jistghu jergghu jibdew isiru l-hargiet kulturali. Fir-rigward tal-hargiet huwa qal li f'Ghajnsielem kien hemm centru ta' matul il-jum ghall-persuni li jbatu bid-dimentia u huwa ssugerixxa li tajjeb li f'wahda mill-ewwel zjarat issir f'dan il-post. Din tkun ta' ghajnuna anke biex iktar nies isiru konxi tas-servizzi li qed jigu offruti f'Ghawdex. Huwa zied jghid li apparti zjara hemmhekk l-harga tkun tinkludi postijiet ohra. Il-Kunsill qabel ma' dawn is-suggerimenti.

36.3.18 Is-Sindku qal li fil-prezent hemm ukoll applikazzjonijiet ghall-artisti li huwa maqsuma fi

tlett kategoriji. Huwa spjega kif kienu l-applikazzjoni u stieden sabiex il-Kunsiliera jghaddu ismijiet ta' persuni li jistghu japplikaw ghal tali applikazzjoni fejn min l-applikazzjoni tieghu tigi milqugha jinghataw fondi.

**36.4 Twegibiet ghall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

36.4.1 Mistoqsija minghand Tonio Mifsud fir-rigward ta' talba ghal Double Yellow Lines fi Triq il-Knisja. Din il-materja giet diskuss fid-dettal fejn is-Sindku staqsa jekk kienetx problema ta' vizjoni ghax g'dan il-kaz tkun tista' tehel mera. Tonio Mifsud ikkonferma li l-problema kienet wahda ta' vizjoni ghax ma jidhrux il-vetturi li jkunu gejjin. Is-Sindku spjega li sabiex isiru double yellow lines quddiem residenza ohra trid tintalaq l-opinjoni taghhom ukoll ghax din hija procedura li ttiehed mit-Transport Malta. Tkompliet id-diskussjoni fejn il-Kunsill qabel li jekk ma jkunx hemm ebda' oggezzjoni ssir talba quddiem it-Transport Malta ghal double yellow lines.

36.4.2 Mistoqsija minghand Joseph Mizzi fir-rigward ta' sigar li jistghu jigu nstallati f'diversi partijiet madwar il-lokalita'. Is-Sindku spjega li bhala Kunsill konna applikajna ghal afforestazzjoni fil-progett tal-Bellus. Bhala progett jidher li ghadda pero' ghad baqa' problema min-naha tal-Lands Authority. Tonio Mifsud staqsa jekk il-Lands Authority humiex konxji bill-progett propost mill-Kunsill fejn dan spjega li dawn jafu u kien hemm kawza l-qorti li inqatghet favur il-Kunsill. Is-Sindku spjega li l-bdiewa li hemm fiz-zona mhumiex u ilhom snin kbar ma jhallsu pero' minn meta l-Kunsill beda' l-process sabiex din l-art tigi devoluta lili mhux biex ikecci lill-bdiewa imma biex tibqa' tinhadem u jsir progett ambjentali l-Lands Authority qeghda tinforma sahansitra lill-bdiewa biex jirregistraw halli jkollhom titlu. Huwa zied jghid li llum stess kien ser jerga' jikteb ghall-ahhar darba lid-Direttur ta' l-Artijiet biex din l-art tinghata lill-Kunsill ghall-progett kif spjegat aktar 'il fuq. Jekk ma jsir xejn l-unika soluzzjoni tkun li l-Kunsill jidhol f'kompromess mall-privat biex tali progett ma jintilifx pero' huwa ta' dispjacir meta tezisti art pubblika disponibbli.

Joseph Mizzi staqsa dwar is-sigar l-ohra fejn gie spjegat li minhabba s-sitwazzjoni tal-pandemija dawn ma kienux tkomplew. Gie spjegat ukoll li kien hemm il-progett Terra fejn diga kien hemm fih problema fejn kienu ser jigu installati s-sigar. Is-Sindku qal li kien hemm zona f'Wied il-Mielah fejn il-Kunsill jista' japplika ghalija biex hemmhekk jithawwlu s-sigar.

Fuq dan il-punt is-Sindku ssugerixxa li tista' tkun opportunita' tajba li bhal ma kien gara fl-ewwel legislatura tal-Kunsill fejn tqassmu xi pots u qsari jsir xi haga simili fejn din id-darba minflok pjanta dekorattiva jistghu jkunu herbs. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta.

**36.5 Korrispondenza u Rapporti**

36.5.1 Gie pprezentata rapport imhejji mill-Avukati u Perit fir-rigward ta' l-applikazzjoni ghall-kamra tan-Nar gdida fil-limiti ta' San Dimitri. Dan ir-rapport gie moqri waqt il-laqgha fejn il-Kunsill qabel mieghu u qabel li ghandu jimxi biex ikun ufficjalment ipprezentat bhala ogezzjoni tal-Kunsill.

36.5.2 Giet trattata korrispondenza fir-rigward ta' l-Earth Hour fejn din ser tigi organizzata fis-26 ta' Marzu. Il-Kunsill qabel li ghandu jippartecipa billi tintefa' l-pjazza u z-zona tal-

madwar.

36.5.3 Giet trattata korrispondenza minghand il-Caritas Malta Epilepsy Association fejn bejn it-12 u 14 ta' Frar hija Epilysy Day u ghaldaqstant urew ix-xewqa li jinxtghel dawl vjola. Il-Kunsill qabel li ghal dawn il-jumejn ghandhom jinxtghelu d-dawl vjola.

36.5.4 Gew trattati is-segwenti applikazzjonijiet ta' l-Awtorita' ta' l-Ippjanar:

Applikazzjonijiet ghal permess ta' zvilupp PA/0016/22, PA/07084/21 u PA/09048/21.

**36.6 Budget 2022**

36.6.1 Gie trattata korrispondenza mid-Dipartment tal-Gvern Lokali fejn il-Kunsill gie infurmat dwar l-allokazzjoni finanzjarja li ser tinghata lill-Kunsill matul l-2022. Gie spjegat ukoll kif inqasam min-naha tad-Dipartiment. Joseph Mizzi staqsa dwar fejn hemm l-allokazzjoni tal-knis peress li dan isir mill-haddiema. Gie spjegat li l-flus allokati imorru fuq vot iehor bhal skips tal-bulky u xogholijiet ohra relatati. Is-Sindku spjega ukoll iz-zoni kif kienu qeghdin jitnaddfu u kif inhuma maqsuma. Il-Vici Sindku staqsa dwar il-freqwenza li biha jitnaddfu it-toroq u kien spjegat li dawn isiru skond skeda u skond il-htiega neccesarja. Joseph Mizzi staqsa ukoll jekk l-iskeda tal-iskart fejn tirrigwardja s-Sibtijiet tistax tinkludi aktar xhur. Gie spjegat li din diga zdieded fejn gie inkluz ix-xahar ta' Gunju u dak ta' Ottubru u jidher li kien miexi sewwa. Apparti hekk l-problema ta' l-iskart fis-sajf l-aktar li titfacca.

**36.7 Progetti u Xogholijiet**

36.7.1 Din il-materja giet diskussa waqt il-komunikat tas-Sindku.

**36.8 Laqgha Annwali**

36.8.1 Il-Kunsill iddiskuta dwar il-laqgha annwali tal-lokalita' fejn qabel li din ghandha ssir bhas-sena ta' qabel fejn minhabba pandemija m'ghandhomx jigu mistiedna persuni fil-kamra tal-laqghat pero' dawn jistghu jibghatu d-domandi taghhom u dawn jigu diskussi waqt il-laqgha. Il-Kunsill iddiskuta bid-dati fejn tista' ssir u qabel li ghandha ssir fis-17 ta' Frar, 2022.

**36.9 Attivitajiet**

36.9.1 L-Attivitajiet gew diskussi waqt il-komunikat tas-Sindku.

**36.10 Progetti Network of Town Twinning**

36.10.1 In-Network of Town Twinning kif gie diskuss precedentament qed jigi diskuss u ser ikun qed jibdew bl-ewwel zjarat fejn l-ewwel wahda ssir possibilment fil-Lituanja. Aktar dettalji ser ikunu jistghu jinghataw aktar 'il quddiem.

**36.11 Applikazzjonijiet**

36.11.1 Gie spjegat li l-Kunsill kien isssottometta applikazzjoni ghall-Opra fil-berah. Applikazzjonijiet ohra li hemm kienu tal-M4.3 fondi rurali. Kif gie diskuss aktar kmieni dawn ser ikunu qeghdin jigu applikati bit-toroq ta' San Dimitri. Applikazzjonijiet ohra huma dawk tar-Regjun t'Ghawdex wahda tal-Ispiazji publici. Min-naha tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali kienu dik tal-Playing Fields fejn il-Kunsill jista' japplika biex jitkomplew ix-xogholijiet fuq il-progett applikat precedentament fl-istess zona. Il-Kunsill qabel li ghandu jmexxi b'dawn l-applikazzjonijiet.

**36.12 Performance Bonus**

36.12.1 Il-Kunsill ddiskuta dwar il-performance bonus li jinghata lill-impjegati tal-Kunsill.

Is-Sindku ddikjara lill-Kunsill li fil-kaz ta' l-Assistent Principal huwa kelllu interess familjari u ghalhekk irtira mill-kamra. Fuq talba tas-Sindku, ppresieda l-Vici Sindku. Il-Kunsill iddiskuta l-performance bonus ta' l-Assistent Principal fejn qabel unanimament li din ghandha tinghata l-performance bonus ta' 6%.

Is-Sindku rega' gie imsejha lura fil-kamra u kompla jippresiedi. Il-Kunsill iddiskuta l-performance bonus tas-Segretarju Ezekuttiv u ta' l-iskrivan fejn approva unanimament il-performance bonus ta' 10% u 6% rispettivament.

**36.13 Materji ohra**

36.13.1 Is-Sindku qal li fil-25 ta' Mejju, 2022 Karmni Grima kienet ser taghalq 100 sena mill-mewt taghha. Ghal dan il-ghan is-Sindku ssugerixxa li ssir stand simili bhal dik ta' Frangisk Portelli fejn il-Muzew taghha fi Triq l-Gharb. Din il-materja pero' trid tigi diskussa ma' Fr. Gerard Buhagiar rettur tas-Santwarju tal-Madonna ta' Pinu. Huwa qal li ghal din l-okkazjoni tista' ukoll issir serata muzika/letterarja fil-bitha tal-istess muzew. Il-Kunsill kompla jiddiskuti din il-materja fejn qabel li ghandha ssir attivita' u li ghandha tigi diskussa ma' Fr. Gerard . Joseph Mizzi ssugerixxa ukoll li jsiru fjakkli fil-passagg li kienet tuza biex mid-dar taghha tmur ta' Pinu. Gie innotat li dan qieghed fuq art privata u jista' jsir biss jekk jaqblu s-sidien. Is-Sindku ssugerixxa ukoll li tinhareg sejha biex jinkitbu poeziji li jinqraw waqt din l-attivita' u jkun installat monument f'Triq l-Gharb qrib il passagg li jiehu lejn Triq ta' Pinu li kienet tuza l-istess Karmni Grima. Il-Kunsill qabel li ghandu jmexxi b'dawn is-suggerimenti.

**36.14 Skeda ta' Pagamenti**

36.14.1 L-Iskeda tal-pagementi giet approvata unanimament mill-Kunsill.

**36.15 Tmiem tal-laqgha u data tas-seduta li jmiss**

36.15.1 Il-laqgha li jmiss ser tinzamm nhar fit-8.30am.

36.15.2 Il-laqgha spiccat fi 10.25am

**IFFIRMATA**
David Apap Agius
Sindku

**IFFIRMATA**
Emily Amatulli-Depasquale
Segretarju Ezekuttiv

Konfermati minn

**IFFIRMATA**
David Apap Agius
Sindku

**IFFIRMATA**
Emily Amatulli-Depasquale
Segretarju Ezekuttiv